**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**
CHAIRPERSON

Rikors Nru 577/2022 LC

**Felicity Wismayer** (K.I. 0869252M)

**vs**

**Michael Angelo La Rosa**
(K.I. 0423734M)
**Li permezz ta' Nota datat s-27 ta' Marzu 2023**
**l-Atti ġew ċeduti limitatament fir-rigward ta'**
**Michael Angelo La Rosa**

**U**

**Emily La Rosa**
(K.I. 0097444M)

**Awtorità tad-Djar**

Illum, 8 ta' Jannar 2024

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Felicity Wismayer (K.I. 0869252M) a tenur tal-Artikolu 12B tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn għar-raġunijiet hemm premessi u infraskritti, talbet lil dan il-Bord sabiex:

I. **Jordna** *pendente lite,* ai termini tal-Artikolu 12B(6) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, ħlas ta' żieda fl-ammont tal-kera waqt il-pendenza tas-smigħ tar-rikors odjern, liema awment għandu jkun fl-ammont

ta' 4,000 Euro skond ir-rapport tal-Perit Mario Cassar, Dokument H surreferit.

II. **Jiddikjara u Jiddeċiedi** illi Michael Angelo La Rosa (K.I. 0423734) u Emily La Rosa (K.I. 0097444M) huma l-inkwilini tar-rikorrenti fil-fond 62/4, Marisca Mansions, Ball Street, Paceville, ai termini tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta.

III. **Jordna** illi jitwettaq it-test tal-mezzi tal-inkwilini intimati Michael Angelo La Rosa (K.I. 0423734) u Emily La Rosa (K.I. 0097444M) ai termini tal-Artikolu 12B tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, liema test tal-mezzi għandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), maħruġa taħt l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili u kwalunkwe regolamenti li jistgħu minn żmien għal żmien jissostitwuhom.

IV. **Konsegwentement Jiddikjara u Jiddeċiedi** illi ai termini tal-Artikolu 12B tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta l-kera għandu jiġi rivedut għal ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena, jew kwalunkwe persentaġġ li jista' minn żmien għal żmien jiġi stabbilit, tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni fl-1 ta' Jannar 2022, u ċioe s-sena li matulha ġie preżentat ir-rikors u sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera jekk ikun il-każ.

V. **Tikkundanna** lill-inkwilini intimati Michael Angelo La Rosa (K.I. 0423734M) u Emily La Rosa (K.I. 0097444M) jibdew iħallsu dik it-tali kera hekk likwidata.

VI. **Jagħti** dawn l-ordnijiet neċessarji ai termini tal-Artikolu 12B(4) f'każ li l-kerrej ma jissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi.

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar tad-9 ta' Settembru 2022, fejn sommarjament, eċċepiet, fost l-oħrajn li (i) l-attriċi trid tipprovaw it-titolu tagħha u li hi waħedha hija s-sid unika tal-fond; (ii) il-Bord għandu jikkonstata jekk l-Att XXIV għandux jiġi applikat għal dan il-każ; (iii) peress li l-Awtorità hija intervenuta fil-kawża ai termini tal-liġi, hija m'għandhiex tbati l-ispejjeż tal-preżenti; u (iv) f'każ li l-inkwilini jissodisfaw it-test tal-mezzi, il-kera għandha tiġi fissata f'ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjetà skont il-liġi.

Ra r-risposta ta' Michael Angelo La Rosa (K.I. 0423734M) u Emily La Rosa (K.I. 0097444M), tad-29 ta' Awwissu 2022, fejn sommarjament, jeċċepixxu li:

Illi t-talbiet tar-rikorrenti in kwantu diretti fil-konfront tal-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża odjerna, u għandhom għalhekk jiġu respinti għar-raġunijiet segwenti:-

1. Illi, <u>fl-ewwel lok u in linea preliminari</u>, l-azzjoni odjerna kif impostata fejn qed jintalab li jiġi deċiż fit-tieni talba tar-rikorrenti, li l-esponenti jgawdu minn titolu ta' kera ai termini tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta, hija legalment insostenibbli peress li t-titolu ta' kera li jgawdu minnu l-esponenti huwa naxxenti esklussivament minn skrittura privata datata l-ħamsa (5) ta' Awwissu 2015, li saret bejn ir-rikorrenti Felicity Wismayer u l-esponenti (Dok H annessa mar-rikors promotur);

   1.1 Illi, permezz ta' din l-iskrittura, ir-rikorrenti Felicity Wismayer fil-kwalita tagħha ta' sid, u l-esponenti fil-kwalita tagħhom ta' inkwilini, daħlu f'kirja ġdida, separata, distinta u indipendenti mill-enfitewsi temporanja li ppreċediha u regolata unikament u esklussivament mit-termini u l-kundizzjonijiet tal-istess skrittura u mill-artikoli rilevanti tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

1.2 Illi, fil-fatt, il-partijiet riedu li l-effetti kollha tal-enfitewsi temporanja li skadiet fis-17 ta' Novembru 2014 jiġu estinti kif *del resto* jirriżulta fl-att dikjaratorju in atti Nutar Stefania Spiteri pubblikat fl-istess ġurnata tal-ħamsa (5) ta' Awwissu 2015 li fih saret il-kirja l-ġdida (Dok A), u ddikjaraw fil-konfront ta' xulxin li "*they have no further rights and/or pretensions against one another arising from the deed of temporary subemphyteusis in the records of Notary Doctor Joseph Henry Sciriha of the seventeenth (17th) day of November, of the year nineteen hundred and ninety three (1993);*"

1.3 Illi, di piu, il-mertu ta' din il-kontestazzjoni jinsab *sub judice* quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, u għalhekk huwa opportun li jkun hemm is-soprasessjoni tal-proċeduri odjerni sakemm ikun hemm eżitu definittiv tal-kawża fl-ismijiet *Felicity Wismayer vs Avukat tal-Istat et* (Rik. Nru 134/2020);

2. Illi, <u>fit-tieni lok u dejjem in linea preliminari u bla preġudizzju għall-premess</u>, il-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta lanqas ma huwa applikabbli għall-każ de quo in kwantu l-fond in kwistjoni ma kienx fond li ġie mneħħi mill-kontroll;

3. Illi, <u>fit-tielet lok u dejjem in linea preliminari u bla preġudizzju għall-premess</u>, l-artikolu 12B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta japplika biss għal-lokazzjonijiet li jippreċedu l-1 ta' Ġunju 1995. It-titolu ta' kera li jgawdu minnu l-esponenti bis-saħħa tal-iskrittura msemmija fil-5 ta' Awwissu 2015 daħal fis-seħħ fit-18 ta' Novembru 2014 skont klawsola 1(i) tal-istess skrittura u, għaldaqstant, ferm wara l-1 ta' Ġunju 1995 stabbilit fl-artikolu 12B. Għalhekk ir-rikors huwa legalment insostenibbli;

4. Isegwi, għalhekk ukoll, li tonqos il-kompetenza *rationae materiae* ta' dan l-Onorabbli Bord li jisma' u jiddeċiedi talba dwar reviżjoni tal-kera ta' lokazzjoni li twieldet f'effett ta' skrittura privata u li daħlet fis-seħħ wara l-1 ta' Ġunju 1995;

5. Illi, fir-rigward tal-mertu u dejjem bla preġudizzju għall-premess, dwar l-ewwel talba relattiva għall-awment tal-kera *pendente lite* a tenur tal-Artikolu 12B(6), l-esponenti jopponu tali talba u jinsistu li kwalsiasi konsiderazzjoni bħal din ma tistax issir qabel il-Bord jisma l-partijiet sommarjament u jqis l-evidenza rilevanti, evidenza li għad trid tiġi prodotta. Iż-żieda fil-kera, jekk applikabbli, għandu tkun b'effett mid-data tas-sentenza u dan tenut kont fiċ-ċirkostanzi tal-esponenti, persuni ta' eta' avvanzata ħafna, ta' mezzi limitati li jiddependu fuq il-pensjoni, u anke konsiderando li proċeduri ta' dan it-tip jiġu konklużi f'qasir żmien;

6. Illi, dwar it-tielet talba, l-esponenti m'għandhomx oppożizzjoni u fil-fatt dan l-Onorabbli Bord diġà indirizza tali talba bħalma huwa solitu f'dawn il-proċeduri bid-digriet tiegħu datat 11 t'Awwissu 2022;

7. Illi dwar ir-raba' talba, l-esponenti jikkontendu li ż-żieda fil-kera, kemm-il darba meqjusa applikabbli, għandha sseħħ mid-data tas-sentenza u tapplika b'mod gradwali u dan in linea ma' dak deċiż mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet *Alessandra Radmilli vs Marion Pace Bonello et* (App Nru: 242/2018 deċiża fis-17 ta' Frar 2021);

8. Illi, dwar il-ħames u s-sitt talbiet, l-esponenti jiddikjaraw illi huma jissodisfaw it-test tal-mezzi u kwalunkwe kera li tista' tiġi stabbilita mill-Bord għandha tqis iċ-ċirkostanzi kollha relatati mal-esponenti inkluż il-mezzi u l-eta' tagħhom.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permissibbli skont il-Liġi.

Ra illi in ottemporanza mad-digriet ta’ dan il-Bord tat-11 ta’ Awwissu 2022 fejn l-intimati wettqu it-test tal-mezzi ai termini tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta’ Test tal-Mezzi) (Avviż Legali 463 tal-2011).

Ra illi l-Periti Membri tal-Bord, senjatament il-Perit Robert Fenech u l-Perit Bernice van Dijk, ippreżentaw ir-relazzjoni tagħhom;

Ra id-dokumenti kollha eżebiti;

Ikkonsidra;

Illi l-kawża odjerna qegħda ssir ai termini tal-Artikolu 12B tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta’ Malta, liema Artikolu jagħti l-fakultà lis-sid tal-kera tadixxi lil dan il-Bord u titlob żieda fil-kera li ma teċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta’ abitazzjoni, purchè li d-diversi kriterji hemm imsemmija jiġu sodisfatti;

Ikkonsidra;

Illi l-ewwel żewġ kriterji li dan il-Bord jinneċessita jistabbilixxi qabel ma jipproċedi ulterjorment huma jekk (i) ir-rikorrenti hijiex is-sid tal-kera tal-fond in kwistjoni u (ii) jekk l-intimata hijiex l-inkwilina ta’ dan l-istess fond.

Illi skond ma jirriżulta mill-Att ta’ Kompro-vendita ppublikat min-Nutar Dottor Giuseppe Sammut fil-5 ta’ Settembru 1951, id-dante causa tar-rikorrenti, ossija missier ir-rikorrenti Joseph Geraldo Vella akkwista l-fond de quo mingħand terzi. L-imsemmi Joseph Geraldo Vella miet fit-12 ta’ Lulju 1970 u omm ir-rikorrenti, Iris  Vella, li kienet l-użufruttwarja ta’ dan il-fond, ġiet nieqsa fl-1 ta’ Awwissu 2013. Ħu r-rikorrenti Christopher Vella ġie nieqes fl-24 ta’ Diċembru 2005 u r-rirkorrenti kienet l-eredi tiegħu.

Illi ma tressqet ebda prova li tikkontradiċi jew b'xi mod tinnega dan l-istat ta' fatt u għalhekk, il-Bord huwa sodisfatt illi r-rikorrenti hija s-sid tal-kera tal-fond *de quo*.

Ikkonsidra;

Illi mill-att ta' konċessjoni emfitewtika ppublikata min-Nutar Dottor Maurice Gambin fit-18 ta' Novembru 1963, missier ir-rikorrenti ikkonċeda l-fond de quo b'titolu ta' emfitwesi temporanja għal perjodu ta' tletin sena lir-raġel tal-intimata Michael Angelo La Rosa. Illi hekk kif ġie terminat il-perjodu lokatizzju, l-intimata, flimkien ma żewġha, baqgħu jirrisjedu fil-fond b'titolu ta' kera ai termini tal-Artikolu 12 tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi mal-iskadenza ta' din il-konċessjoni emfitewtika, il-kontendenti daħlu f'konċessjoni emfitewtika temporanja oħra għal żmien 21 sena dekorribbli mit-18 ta' Novembru 1993 u dan permezz tal-att ta' konċessjoni emfitewtika temporanja ppublikat min-Nutar Dottor Joseph Henry Sciriha fis-17 ta' Novembru 1993. Sussegwentement, permezz ta' skrittura privata datata l-5 ta' Awwissu 2015, ir-rikorrenti u l-intimata, flimkien ma żewġha, ffirmaw skrittura privata fir-rigward tal-kera tal-istess fond, fejn il-kontendenti ftehmu li l-kera għandha tiskadi mal-mewt tal-aħħar superstiti minn fost Michael Angelo La Rosa u martu Emily La Rosa, ossija l-intimata.

Illi fid-dawl ta' dan, il-Bord huwa sodisfatt li l-intimata hija effettivament l-inkwilina tal-fond *de quo.*

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-ewwel tlett eċċezzjonijiet tagħha, l-intimata qed tikkwerela l-applikazzjoni tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta stante li, skont hi, il-preżenti kirja hija riżultat tal-iskrittura privata datata l-5 ta' Awwissu 2015 li nediet il-kirja preżenti fit-18 ta' Novembru 2014.Di più, tissottometti wkoll li l-fond *de quo* ma ġiex imneħħi mill-kontoll.

Illi l-Qorti Kostituzzjonali, permezz tas-sentenza erogata nhar id-9 ta' Ottubru 2023 fl-ismijiet **Felicity Wismayer vs L-Avukat tal-Istat** (Rik Nru. 134/20/1) sabet illi l-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta huwa applikabbli għall-każ *de quo* u b'hekk dawn it-tlett eċċezzjonijiet qed jiġu preżentement miċħuda.

Isegwi wkoll li r-raba' eċċezzjoni, ossija dik li l-Bord m'huwiex kompetenti *ratione materiae* biex jisma din il-kawża għandha tiġi miċħuda stante li ladarba ġie stabbilit li l-kirja *de quo* taqa' taħt il-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Bord huwa kompetenti sabiex jisma u jiddeċiedi l-kawża odjerna. B'hekk anke din ir-raba' eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

Ikkonsidrat;

Illi mid-dokumenti preżentati fir-rigward tat-test tal-mezzi jirriżulta illi d-dħul tal-intimata Emily La Rosa kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(a) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), **ma jaqbiżx** dak stipolat mir-Regolament 5(7) tal-istess Regolamenti. Għar-rigward tal-kapital tal-intimata, kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), jirriżulta li **lanqas dan ma jaqbeż** dak stipolat mir-Regolament 6(6) tar-Regolamenti msemmija.

B'hekk, il-Bord qiegħed isib illi l-intimata Emily La Rosa <u>ma teċċedix</u> il-kriterji stabbiliti bir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u konsegwentement **tissodisfa** l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi ai termini tal-Artikolu 12B(5) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk, m'hemmx lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 12B(4) tal-istess Kap.

Ikkonsidra;

Illi l-intimata tikkontesta wkoll ir-rapport redatt mill-Membri tekniċi tal-Bord u tagħħmel referenza kemm għar-rapport peritali preżentat mar-rikors

promotur kif ukoll ippreżentat stima ex parte tal-fond kif ukoll property prices index.

Illi rigward il-perizji, il-Bord jagħmel referenza għall-Arikolu 23(1) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipola li:

> *"23. (1) Kull meta jkun hemm kwistjoni quddiem il-Bord li tkun teħtieġ l-istima ta' xi fond jew kull fehma teknika oħra dwar każ li jkun qed jittratta l-Bord, iċ-chairman għandu jassenja tnejn mill-membri li jinsabu fuq il-Lista sabiex jeżaminaw il-fond relattiv, jew sabiex jaraw dik il-parti tal-proċess li jkollha x'taqsam mal-kwistjoni li dwarha tinħtieġ il-fehma teknika; u dawk iż-żewġ membri għandhom jippreżentaw ir-rapport tagħhom liċ-chairman waqt is-seduta jew jippreżentaw dak ir-rapport fir-reġistru tal-Bord hekk kif iċ-chairman jista' jordna:*
>
> *... omissis...*
>
> *Iżda wkoll iċ-chairman jista', minflok ma jassenja żewġ (2)membri tal-Lista kif imsemmi qabel, jiddeċiedi wkoll li jistrieħ fuq kwalunkwe stima jew opinjoni teknika oħra fejn il-partijiet kollha fil-każ jaqblu."*

Kif ukoll għall-Artikolu 23(3) tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipola li:

> *"(3) Iċ-chairman ikun biss obbligat li joqgħod fuq ir-rapporti tal-membri li jinsabu fuq il-Lista kull meta r-rapporti taż-żewġ membri li jinsabu fuq il-Lista f'xi każ partikolari jkunu unanimi; meta dawk iż-żewġ membri ma jkunux unanimi, iċ-chairman għandu fuq il-bażi tar-rapporti magħmulin miż-żewġ membri, jiddeċiedi l-kwistjoni hu nnifsu."*

Illi mill-atti proċesswali ma jirriżultax li l-partijiet qablu li l-Bord għandu jistrieħ fuq ir-rapporti la tal-perit inkarigat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-vertenza bejniethom u lanqas fuq l-istima *ex parte* preżentata mill-intimata

u b'hekk il-Bord ma jistax japplika t-tieni *proviso* tal-Artikolu 23(1) appena ċitat fir-rigward tal-imsemmi rapporti. Di più, jirriżulta li li l-membri tekniċi tal-Bord kienu unanimi fir-rapport tagħhom u b'hekk il-Bord huwa obbligat, ai termini tal-Artikolu 23(3) tal-Kap. 69 li joqgħod fuq ir-rapport tal-membri tekniċi.

Illi mir-rapport redatt mil-Periti tal-Bord jirriżulta illi l-fond in kwistjoni jikkonsisti f'appartament sitwat fl-ewwel sular ġo blokka ta' sitt appartamenti. Il-fond jinsab fi stat finished iżda l-finituri huma fi bżonn ta' manutensjoni.

Illi l-periti tal-Bord, wara li kkunsidraw il-fatturi kollha msemmija fir-rapport tagħhom, li jinkludu l-lokalità, it-tip u l-kundizzjoni tal-propjetà, l-iskemi tal-bini eżistenti applikabbli fuq is-sit, jistmaw il-propjetà bħala liberea u franka fuq is-suq miftuħ fl-ammont ta' erba' mija u għoxrin elf Ewro (€420,000).

Ikkonsidra;

Illi fl-ikkalibrar tal-awment tal-kera kif mitluba mir-rikorrenti, dan il-Bord ser iżomm quddiem għajnejh dak mgħallem mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**[1]**,** fejn analiżżat l-għan tal-emendi introdotti bl-Att XXVII tal-2018 (u kwindi anke dawk introdotti bl-Att XXIV tal-2021), fejn irrietniet illi:

> *"il-Qorti tikkonkludi li d-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi fil-liġi kienu maħsuba biex jindirizzaw u joħolqu bilanċ bejn il-jeddijiet tas-sidien li altrimenti kienu ser jibqgħu jirċievu ħlas ta' kera irriżorju għall-proprjetà tagħhom wara li ilhom imċaħħda minnha snin, u l-jeddijiet tal-inkwilini li jibqgħu jgħixu fid-dar li ilhom snin jagħrfu bħala r-residenza ordinarja tagħhom"*

[1] **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 3 ta' Frar 2021, (Appell Nru 126/2018/LM).

Illi tenut kont ta dak kollu appena espost, kif ukoll tal-mezzi tal-intimat u tal-età tiegħu, il-Bord jemmen li l-awment fil-kera għandu jkun fl-ammont ta' 2% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond *de quo.*

Dan ifisser li l-kera għandha togħla għal-ammont ta' tmint' elef u erba' mitt ewro (€8,400) fis-sena.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi:

1. Jilqa' l-ewwel talba u jawmenta l-kera pendente lite għall-ammont ta' €700 fis-sena dekoribbli mid-09 ta' Ottubru 2023 sal-ġurnata ta' llum, stante li l-vertenza qed tiġi definittivament deċiża b'din is-sentenza;

2. Jilqa' t-tieni talba u jiddikjara illi Emily La Rosa hija l-inkwilina tar-rirkorrenti fil-fond 62/4, Marisca Mansions, Ball Street, Paceville;

3. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba stante li t-test tal-mezzi twettaq waqt l-andament tal-proċeduri;

4. Jilqa' r-raba' talba u jiddikjara illi l-kera tal-fond 62/4, Marisca Mansions, Ball Street, Paceville għandha tiġi riveduta għall-ammont ta' 2% tal-valur tal-fond fis-suq miftuħ fl-1 ta' Jannar 2022 u konsegwentement jawmenta l-kera pagabbli mill-intimata Emily La Rosa għall-ammont ta' tmint' elef u erba' mitt ewro (€8,400) fis-sena u jordna lill-istess intimata tħallas lir-rikorrenti l-kera hekk awmentata b'effett mid-data tal-lum bħala d-data tas-sentenza u dan bil-modalità ta' erbgħa (4) skadenzi fis-sena, ċioè fl-ewwel ta Jannar, April, Lulju u Ottubru ta' kull sena.

5. Jiċħad il-ħames talba stante li l-intimata tissodisfa l-kriterji tat-Test tal-Mezzi;

6. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimata u tal-Awtorità intervenuta sa fejn dawn huma inkompatibbli ma’ dak li ġie deċiż hawn fuq.

Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha ta’ dawn il-proċeduri.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**